**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 6 - L-ERBGĦA 20 TA' NOVEMBRU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| | | |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Uffiċċjal Eżekuttiv |

- ***Noti:*** Qabel bdiet il-laqgħa, l-Kunsillier Gatt irringrazzja lil kulħadd għas-solidarjetà murija miegħu u mal-familja tiegħu għat-telfa ta' missieru. Fuq proposta tal-Kunsillier Brincat il-Kunsill għamel minuta silenzju.

- Is-SE informa li minħabba problemi tekniċi, ma setgħax isir *live-streaming* fuq il-paġna ta' Facebook u lanqas jiġi rreġistrat. *Live streaming* però kien hemm xorta waħda. Il-Kunsill qabel unanimament li laqgħa għandha tkompli.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Il-minuti ġew approvati, *nem con*, wara proposta mill-Kunsilliera Cuomo, ssekondata mill-Kunsillier Brincat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Il-Kunsilliera Cuomo talbet biex *Item* 16 fuq l-aġenda tkun posposta għall-laqgħa li jmiss peres li hi kellha bżonn titlaq qabel it-tmiem tal-laqgħa. Il-kunsill qabel.

3.2. Is-Sindku semmiet li fit-23 ta' Ottubru kellha laqgħa ma rappreżentant ta' TM, fejn ġew diskussi: iż-*zebra crossing* ta' ħdejn il-Valyou, li għandu jsir ix-xogħol abbinat kemm jista' jkun malajr; l-immaniġġjar tat-traffiku fl-akwati ta' Triq it-Tuffieħ; *bollards* quddiem residenzi fi Vjal 21 ta' Settembru, faċċata ta' Scotts Supermarket, li kienu tneħħew u għandhom jerġgħu isiru; u l-possibiltà ta' parkeġġ fis-Salina. Dan wiegħed li se jiġu indirizzati dawn il-problemi.

3.3. Fil-25 u s-26 ta' Ottubru, is-Sindku attendiet għall-laqgħa plenarja straordinarja tal-AKL ġewwa s-Salina Resort. Flimkien magħha attendew il-Viċi-Sindku, il-Kunsillieri Cuomo, Deguara u Brincat kif ukoll is-SE. Hi tenniet li l-laqgħa kienet interessanti ħafna u kienet ħasra li m'attendewx il-kunsillieri kollha. Hawn ħeġġet lill-membri kollha biex jaraw il-filmati tal-laqgħa minn fuq il-paġna tal-FB tal-AKL.

3.4. Fit-30 ta' Ottubru, is-Sindku kellha laqgħa maċ-CEO ta' Infrastructure Malta. Kien hemm preżenti wkoll il-Kunsillier Brincat u s-SE. Is-SE ħejja u ppreżenta dokument b'numru ta' problemi li jeħtieġ li jkunu indirizzati. Is-Sindku talbet lis-SE biex jgħaddi kopja tad-dokument lill-kunsillieri kollha. Iċ-CEO wiegħed li se jkun qed jindirizza dawn il-problemi. Is-Sindku żiedet li għandhom jistaqsu għall-pjan ta' Trejqet l-Iklin u biex jiċċekkjaw fuq il-*bus stop* ta' Triq il-Kbira, jekk hux se jkun imressaq.

3.5. Fl-1 ta' Novembru, is-Sindku attendiet għall-Konferenza Annwali tal-ANSEK ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Belt. Preżenti wkoll kien hemm il-Kunsilliera Cuomo.

3.6. Fl-4 ta' Novembru kellha laqgħa mal-Kumitat tal-Festa fl-*annex* tal-Knisja. Preżenti f'isem il-Kunsill kien hemm is-Sindku, il-Viċi-Sindku, il-Kunsillieri Brincat, Abela u Spiteri. Il-punti li ħarġu minn dik il- laqgħa intbagħtu lill-kunsilliera kollha mis-SE. Dawn għandhom jitpoġġew fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss. Il-Kunsillier Brincat staqsa għaliex kien hemm tibdil tad-data però ġie stabbilit li kien hemm żball fl-invit.

3.7. Fil-11 ta' Novembru is-Sindku kellha laqgħa mal-artist Sonny Gatt, wieħed mir-rebbieħa fil-programm "Arti fi Spazji Pubbliċi". Waqt din il-laqgħa tkellmu dwar l-arti li se jkun qed jagħmel għal fuq ir-*roundabout* qabel in-niżla t'Alla w'Ommu. Filmat ta' din il-laqgħa għandu joħroġ fil-ġranet li ġejjin.

3.8. Fit-13 ta' Novembru, is-Sindku attendiet għall-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Tramuntana.

3.9. Is-Sindku semmiet li l-perit qed ilesti proposti għall-ġnien ta' Triq tal-Labour. Hi spjegat li dan hu parti mill-*Planning Gain* li se jitħallas minn Vassallo Builders. Hi tenniet li se tinsisti biex ikollha l-proposti u l-pjanti lesti qabel il-kunsill ikun jista' jorganizza l-konsultazzjoni mal-pubbliku. Kulħadd għandu jkun infurmat bid-data.

3.10. Il-Viċi-Sindku ippropona biex minflok ġnien li ma jintużax isir xi ħaġa differenti bħal *activity area* għat-tfal li jkunu akbar minn *toddlers*, peress li għal dawn diġà hemm apparat f'ġonna oħrajn.

3.11. Is-Sindku stiednet lill-Kunsillier Abela biex jinforma dwar il-laqgħa li kellu iżjed kmieni mal-*cat feeder* Margaret Gabarretta. Hu semma' l-punti li tkellmu fuqhom li jinkludu: offerti ta' *vouchers* mill-kunsill għal *neutering;* talba għall-permess mill-kunsill biex itellgħu *stall* għal *fund raising* u edukazzjoni tal-pubbliku; sehem fl-attività tal-Milied bi *stand* għal *fund raising*, kuxjenza u donazzjonijiet għall-qtates; talba għal laqgħa ma' *cat feeders* oħrajn biex ikunu rreġistrati; riklami fuq 'Il-Kuntatt'; talba għal tabelli biex ħadd ma jitma l-qtates ħlief *cat feeder*s irreġistrati. Il-kunsill qabel li għandu jkun hemm permess għall-*istall* għal donazzjonijiet u qabel fuq l-inizjattivi l-oħrajn ukoll.

3.12. Saru s-6.10 u waslu uffiċċjali tal-LESA, is-Sur Ray Zammit u s-Sur Stephen Mallia

3.13. Fis-6.15 Il-laqgħa ġiet sospiża għal sessjoni ta' mistoqsijiet u diskussjoni bejn il-kunsill u l-uffiċċjali tal-LESA. Issemmew ċitazzjonijiet li qed jingħataw ripetutament fl-istess postijiet kif ukoll oħrajn li ma jingħatawx għalkemm ikunu vera ovvji u iżjed serji, eż. ħafna fuq l-arloġġi tal-parkeġġ kontra dawk li jkunu jsuqu bil-*mobiles*, jew trakkijiet li jgħaddu minn Triq il-Parroċċa. Issemmew in-nuqqas ta' ċitazzjonijiet tal-ECO. Is-Sur Zammit issuġġerixxa inċentivi, fosthom premijijiet, biex in-nies ma jħammġux. Issemmew is- CCTV's li però għadhom qed jiġu diskussi.

3.14. Saru s-6.30 u l-Kunsilliera Cuomo skużat ruħha mill-laqgħa.

3.15. Fis-7.05 il-laqgħa tkompliet.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Il-Kunsill approva (*nem con*) ir-rapporti finanzjarji wara proposta mill-Kunsillier Brincat , issekondata mill-Kunsillier Abela.

## 6. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

6.1. Is-Se ippreżenta r-rapport mill-Kumitat tal-Finanzi li ġie approvat (*nem con*) wara proposta mill-Viċi-Sindku issekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 7. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U ILMENTI

7.1. Ir-rapport mis-sottokumitat tat-talbiet u lmenti kien approvat mill-Kunsill (*nem con*) wara proposta mis-Sindku, issekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 8. RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART

8.1. Ir-rapport finanzjarju ippreżentat mis-SE kien approvat mill-Kunsill (*nem con*) wara proposta mill-Kunsillier Gaffiero, issekondata mill-Kunsillier Gatt.

## 9. REVIŻJONI TAL-BAĠIT 2019

9.1. Ir-reviżjoni tal-baġit 2019 kienet approvata mill-Kunsill (*nem con*) wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Viċi-Sindku.

## 10. PJAN TA' ĦIDMA

10.1. Is-SE spjega kif wara l-konsultazzjoni pubblika ma ħareġ xejn ħlief *e-mail* waħda tirrakkomanda li jsir filmat dwar l-istorja tan-Naxxar.

10.2. Kien hemm suġġeriment mis-Sur Paul Catania biex ikunu involuti wkoll il-barranin li jgħixu fil-lokalità li jistgħu jagħtu kontribut siewi huma wkoll.

10.3. Is-SE irrefera għal xi emendi żgħar li saru fil-pjan oriġinali fosthom fis-sezzjoni tal-Arti u Kultura fejn żied *items* 6 u 7 li jinkludu s-suġġerimenti msemmijin hawn fuq.

10.4. Is-Sindku infurmat li kienet ipprovat issib xi *sponsors* għar-restawr tal-istatwi ta' San Ġużepp u tal-Karmnu bħal banek, però dawn ma riedux ikunu involuti peres li l-istatwi huma reliġjużi. Il-Kunsillier Brincat għandu jkellem lil xi kuntatti li għandu hu.

## 11. BAĠIT 2020

11.1. Is-SE irrakkomanda li x-xogħol ikun ippjanat abbażi tal-baġit tas-sena ta' qabel sakemm dan ikun ikkonfermat mid-DLG.

**12. STRATEĠIJA TAL-INDAFA**

12.1. Il-kunsill qabel li dan l-*item* ikun pospost għall-laqgħa li jmiss.

**13. INSTALLAZZJONI TA' CCTV'S**

13.1. Fuq proposta tal-Viċi Sindku l-Kunsill qabel li għandu jesplora l-possibiltà ta' installazzjoni ta' CCTV's f'ċertu żoni.

**14. SISTEMA GĦALL-IRRANĠAR TAL-BANKINI FI TRIQ FRANZA U BANKINI SIMILI FIS-SGĦAJTAR**

14.1. Is-SE spjega li hemm problema ta' livelli f'dawn it-toroq tant li jekk il-livelli jiġu kif suppost, il-garaxxijiet jiġu inaċċessibbli. Issemmiet l-opzjoni li titwessa' l-bankina imma b'dan il-mod jintilef il-parkeġġ.

14.2. Opzjoni oħra tista' tkun li titneħħa l-bankina u tinżebaħ waħda virtwali b'kulur differenti.

14.3. Il-Kunsiliier Brincat ippropona li jitqabbad il-perit biex jagħmel stħarriġ u proposti.

14.4. Saru s-7.30 u l-Kunsillier Brincat skuża ruħu mill-laqgħa.

**15. JUM DINJI TAL-IBS**

15.1. Kien propost li għal dan il-jum tinxtegħel il-funtana bil-kulur relattiv tal-okkażjoni.

15.2. Il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li jkun hemm kalendarju ta' dawn il-jiem partikolari biex jinxtegħel id-dawl bil-kuluri relevanti.

**16. MOZZJONI GĦAL *DOG PARK* F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

16.1. Kien maqbul li dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**17. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

17.1. Saru it-7.45 u l-laqgħa aġġornat filwaqt li ntagħżlet id-data tat-18 ta' Diċembru għas-seduta li jmiss.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |